"Tgħiduli xejn għax naf min hi. Meta semmejt 'Judith' ġejt fiha mill-ewwel għax mhux żgur hawn oħra jisimha bħalha f'Portmadoc. Xortiha ħażina dik it-tfajla, miskina," qal f'nifs wieħed Mr. Jones, is-surmast ħabib ġdid tagħna.

"Muta u truxa hux?" stqarrejt jien bil-qajla qisni beżgħan li se nikxef xi sigriet.

"Mhux hekk biss," issokta jgħidilna hu, "imma dik kienet iżżewġet lil wieħed suldat Ingliż xi tliet snin ilu. Kien ġie stazzjonat hawn għal ftit taż-żmien u qabad magħha. U wara sena telaq u ħallieha warajh. Ma riedx jaf biha aktar. Min jaf x'sar minnu llum?"

Din l-aħbar xejn mistennija bikkmet kemm lili kif ukoll lil John. Min qatt kien jobsor li Judith kienet miżżewġa? U kif baqgħu ma qalu xejn fuq hekk la hi u lanqas ommha u missierha? U mbagħad fuq kollox, għaliex kelli niġġennen wara waħda li kienet diġà tat qalbha lil ħaddieħor?

Ħarist lejn John u fhimt li kien iħoss ruħu mistagħġeb għall-aħħar. Imma aktar milli sewdietlu qalbu kien jidher kuntent u moħħu mistrieħ b'din l-aħbar. U dan minħabba fija. Kien iħossu żgur li jien kont issa naqta' jiesi darba għal dejjem minn Judith u li qatt ma kont se nasal niżżewweġ waħda li ġa ntrabtet ma' bniedem ieħor ukoll jekk dan daħak biha u ħarbtilha ħajjitha.

U jien? Għal waqt wieħed bqajt issummat mingħajr ma lissint kelma waħda. Ħassejt l-għaraq kiesaħ ixoqq għalija. Ħassejtni nistordi u l-għeluq t'hemm ġewwa ħabat iġibli l-ħass ħażin. Id-duħħan tas-sigarretti u r-riħa tax-xorb kienu bdew iqallbuli l-istonku u l-menti. Ħassejt f'daqqa waħda l-bżonn li neħles minn hemm fis u noħroġ għall-beraħ ta' barra. Ridt inxomm issa l-arja friska li ma kenitx imniġġsa bin-niket u l-qrusa tal-ħajja. Ridt noqgħod waħdi biex insib il-faraġ fit-tħewdin ta' moħħi tqil. U fi ftit ħin ieħor rajt kif skużajt ruħi minn Mr. Jones u ħabibi John u ġbidt dritt għall-bieb ta' barra. Xi ħadd li rani ħiereġ għajjatli biex igħidli li kienet nieżla x-xita. Ma tajtx kas. Irfist barra mill-bieb u tlaqtilha nimxi ma nafx il fejn sewwa. Ixxarrabt għasra imma ħassejtni nistrieħ. Erġajt lura lejn id-dar xi sagħtejn wara u dħalt norqod bla ma kilt jew kellimt 'il ħadd. John kien għadu ma daħalx imma meta ġie lura baqa' ma kellimni xejn li xejn fuq il-biċċa. Il-għada filgħodu tlaqt minn dik id-dar qisu qatt ma kien xejn. Sellimt lil Judith imma nfridt minnha qisni qed inħalli warajja tarbija ta' sena. Qalbi kont inħossha kiesħa silġ u moħħi kwiet u ħieles minn kull dell ta' ħsieb.

Għaddew iktar minn tliet snin minn dik id-darba li kont sibt ruħi fid-dar tas-sbejħa Judith ġewwa Portmadoc. Ninsab illum mill-



ġdid fid-dar t'ommi u għalkemm it-tletin sena ili ftit li għalaqthom għadni ma żżewwiġtx u, s'issa, m'għandi l-ebda ħajra li ngħarraqha. Inħoss li l-imħabba daħket bija, ma sibtx xorti magħha, u għalhekk, ma għandix x'irridha. Għaddej tajjeb ħafna mingħajr mara u mingħajr imħabba. Fi ftit kliem inħoss li ż-żwieġ mhux tajjeb għalija. Dik hi l-affari kollha!

---

# BELHIENI

*Ta'* LOUIS BUTTIGIEG

Belhieni . . .
Idejh iħabbat, idur u bil-qalb jogħxa,
Dik id-daħka li fiha ma hemmx imrar.
Għaliex qed jidħak?
Ma nafx . . .
U ma naħsibx li nkun qed narra,
Jekk ngħid li hu nnifsu lanqas jaf.
Belhieni . . .
In-nies titħassru u tqisu xi barrani.
Għalenija jgħidu: "Kemm hu miskin!"
Imma ngħid jiena:
"Miskin?"
Miskin għax qiegħed igħix f'dinjietu,
Li fiha la hemm maskri u lanqas sriep?"
Belhieni . . .
Għalih id-dinja hi ġnien ta' ward ifewwaħ;
Ma jxommx il-mard u l-ħażen tal-bnedmin;
Imm'aħna iva.
Min jaf
X'uġigħ il-qalb, x'niket ġarrabna,
Meta l-għedewwa sibna flok il-ħbieb!
Belhieni . . .
Kien ħabib tiegħi; daqs ħija kont inħobbu.
Il-lum jinsab igawdi lill-Mulej.
Għelejt għax tliftu.
Għaliex?
Għaliex naf żgur li kien iħobbni
U minnu tlift, tlift iva ħabib tassew.

29 ta' Jannar 1968.